|---|---|---|---|---|
| *Tridacna maxima* | Selvaġġ | Kollha | Il-Mikroneżja, il-Fiġi, il-Gżejjer Marshall, il-Możambik, il-Kalendonja l-Ġdida, it-Tonga, il-Vanwatu, il-Vjetnam | b |
| *Tridacna rosewateri* | Selvaġġ | Kollha | Il-Możambik | b |
| *Tridacna squamosa* | Selvaġġ | Kollha | Il-Fiġi, il-Możambik, il-Kalendonja l-Ġdida, it-Tonga, il-Vanwatu, il-Vjetnam | b |
| *Tridacna tevoroa* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |
| ***CNIDARIA*** | | | | |
| *HELIOPORACEA* | | | | |
| **Helioporidae** | | | | |
| *Heliopora coerulea* | Selvaġġ | Kollha | Il-Gżejjer Solomon | b |
| *SCLERACTINIA* | | | | |
| **Acroporidae** | | | | |
| *Montipora caliculata* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |
| **Agariciidae** | | | | |
| *Agaricia agaricites* | Selvaġġ | Kollha | Il-Ħaiti | b |
| **Caryophylliidae** | | | | |
| *Catalaphyllia jardinei* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Catalaphyllia jardinei* | Selvaġġ | Kollha | Il-Gżejjer Solomon | b |
| *Euphyllia cristata* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Euphyllia divisa* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Euphyllia fimbriata* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Plerogyra* spp. | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| **Faviidae** | | | | |
| *Favites halicora* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |
| *Platygyra sinensis* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |

| Speċi | Sors(i) kopert(i) | Eżemplari kopert(i) | Pajjiżi tal-oriġini | Bażi fl-Artikolu 4(6), il-Punt: |
|---|---|---|---|---|
| **Merulinidae** | | | | |
| *Hydnophora microconos* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| **Mussidae** | | | | |
| *Acanthastrea hemprichii* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |
| *Blastomussa* spp. | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Cynarina lacrymalis* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| *Scolymia vitiensis* | Selvaġġ | Kollha | It-Tonga | b |
| *Scolymia vitiensis* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| **Pocilloporidae** | | | | |
| *Seriatopora stellata* | Selvaġġ | Kollha | L-Indoneżja | b |
| **Trachyphylliidae** | | | | |
| *Trachyphyllia geoffroyi* | Selvaġġ | Kollha | Il-Fiġi | b |
| *Trachyphyllia geoffroyi* | Selvaġġ | Kollha ħlief eżemplari mrobbija fil-baħar imwaħħla ma' sottostrati artifiċjali | L-Indoneżja | b |
| **FLORA** | | | | |
| **Amaryllidaceae** | | | | |
| *Galanthus nivalis* | Selvaġġ | Kollha | Il-Bożnija u Ħerzegovina, l-Iżvizzera, l-Ukraina | b |
| **Apocynaceae** | | | | |
| *Pachypodium inopinatum* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Pachypodium rosulatum* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Pachypodium rutenbergianum ssp. sofiense* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| **Cycadaceae** | | | | |
| *Cycadaceae* spp. | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar, il-Możambik, il-Vjetnam | b |
| **Euphorbiaceae** | | | | |
| *Euphorbia ankarensis* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia banae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia berorohae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |

| Speċi | Sors(i) kopert(i) | Eżemplari kopert(i) | Pajjiżi tal-oriġini | Bażi fl-Artikolu 4(6), il-Punt: |
|---|---|---|---|---|
| *Euphorbia bongolavensis* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia bulbispina* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia duranii* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia fiananantsoae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia guillauminiana* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia iharanae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia kondoi* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia labatii* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia lophogona* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia millotii* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia neohumbertii* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia pachypodoides* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia razafindratsirae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia suzannae-manieri* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| *Euphorbia waringiae* | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar | b |
| **Orchidaceae** | | | | |
| *Anacamptis pyramidalis* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera, it-Turkija | b |
| *Barlia robertiana* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Cephalanthera rubra* | Selvaġġ | Kollha | in-Norveġja | b |
| *Cypripedium japonicum* | Selvaġġ | Kollha | Iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun, il-Korea ta' Fuq | b |
| *Cypripedium macranthos* | Selvaġġ | Kollha | Il-Korea t'Isfel, ir-Russja | b |
| *Cypripedium margaritaceum* | Selvaġġ | Kollha | Iċ-Ċina | b |
| *Cypripedium micranthum* | Selvaġġ | Kollha | Iċ-Ċina | b |
| *Dactylorhiza latifolia* | Selvaġġ | Kollha | in-Norveġja | b |
| *Dactylorhiza romana* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Dactylorhiza russowii* | Selvaġġ | Kollha | in-Norveġja | b |
| *Dactylorhiza traunsteineri* | Selvaġġ | Kollha | Il-Liechtenstein | b |
| *Dendrobium bellatulum* | Selvaġġ | Kollha | Il-Vjetnam | b |
| *Dendrobium wardianum* | Selvaġġ | Kollha | Il-Vjetnam | b |
| *Himantoglossum hircinum* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera | b |
| *Macaca nigra* | Selvaġġ | Kollha | in-Norveġja | b |
| *Ophrys holoserica* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Ophrys holoserica* | Selvaġġ | Kollha | Il-Liechtenstein, in-Norveġja, | b |
| *Ophrys pallida* | Selvaġġ | Kollha | L-Alġerija | b |
| *Ophrys sphegodes* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera | b |
| *Ophrys tenthredinifera* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |

| Speċi | Sors(i) kopert(i) | Eżemplari kopert(i) | Pajjiżi tal-oriġini | Bażi fl-Artikolu 4(6), il-Punt: |
|---|---|---|---|---|
| *Ophrys umbilicata* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Orchis coriophora* | Selvaġġ | Kollha | Ir-Russja, l-Iżvizzera | b |
| *Orchis italica* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Orchis laxiflora* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera | b |
| *Orchis mascula* | Selvaġġ/imkabbar | Kollha | L-Albanija | b |
| *Orchis morio* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Orchis pallens* | Selvaġġ | Kollha | Ir-Russja | b |
| *Orchis provincialis* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera | b |
| *Orchis punctulata* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Orchis purpurea* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera, it-Turkija | b |
| *Orchis simia* | Selvaġġ | Kollha | Il-Bożnija u Ħerzegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Iżvizzera, it-Turkija | b |
| *Orchis tridentata* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Orchis ustulata* | Selvaġġ | Kollha | Ir-Russja | b |
| *Phalaenopsis parishii* | Selvaġġ | Kollha | Il-Vjetnam | b |
| *Serapias cordigera* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Serapias parviflora* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Serapias vomeracea* | Selvaġġ | Kollha | L-Iżvizzera, it-Turkija | b |
| *Spiranthes spiralis* | Selvaġġ | Kollha | Il-Liechtenstein, l-Iżvizzera | b |
| **Primulaceae** | | | | |
| *Cyclamen intaminatum* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Cyclamen mirabile* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Cyclamen pseudibericum* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| *Cyclamen trochopteranthum* | Selvaġġ | Kollha | it-Turkija | b |
| **Stangeriaceae** | | | | |
| *Stangeriaceae* spp. | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar, il-Możambik, il-Vjetnam | b |
| **Zamiaceae** | | | | |
| *Zamiaceae* spp. | Selvaġġ | Kollha | Il-Madagaskar, il-Możambik, il-Vjetnam | b |

([1]) Jiġifieri annimali mhux imwielda fin-natura iżda li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Kapitlu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll il-partijiet u d-derivattivi tagħhom.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 360/2009

## tat-30 ta’ April 2009

## li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta’ Mejju 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta’ Ġunju 1996 dwar regoli ta’ applikazzjoni (dazju ta’ importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta’ kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta’ 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta’ dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta’ kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta’ Mejju 2009, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta’ Mejju 2009, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta’ April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta' Mejju 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 37,15 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 18,95 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 18,95 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 37,15 |

[1] Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

16.4.2009-29.4.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ ([1]) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja ([2]) | Qamħ iebes kwalità baxxa ([3]) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 197,12 | 113,72 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 207,54 | 197,54 | 177,54 | 108,89 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 14,13 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 12,66 | — | — | — | — | — |

([1]) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([2]) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([3]) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 15,22 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Ghadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 15,98 EUR/t |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/22/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' April 2009**

**dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi**

**(Verżjoni kodifikata)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Mixjin skont il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Ċerti Direttivi, elenkati fl-iskeda tal-Aness I ma' din id-Direttiva, jistipulaw regoli rigward il-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi.

(3) Il-mekkaniżmi kurrenti disponibbli, li jintużaw biex jiżguraw il-konformità ma' dawk id-Direttivi, sew fil-livell nazzjonali u sew f'dak tal-Komunità, mhux dejjem jippermettu li ksur ta' liġijiet li jagħmlu l-ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi jitwaqqfu f'waqthom. L-interessi kollettivi jfissru interessi li ma jinkludux l-akkumulazzjoni ta' interessi ta' individwi li ġralhom xi ħsara minħabba ksur ta' liġi. Din hija mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet individwali li jsiru minn individwi li ġralhom il-ħsara minħabba ksur ta' liġi.

(4) Safejn hu konċernat l-għan li jġib it-twaqqif ta' prattiċi li huma kontra l-liġi fid-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, l-effettività ta' miżuri nazzjonali li jieħdu post id-Direttivi ta' hawn fuq li jinkludu miżuri protettivi li jmorru 'l hinn mill-livell meħtieġ minn dawk id-Direttivi, sakemm huma kompatibbli mat-Trattat u permessi minn dawk id-Direttivi, jistgħu ma jitħallewx isiru fejn dawk il-prattiċi jipproduċu effetti fi Stat Membru differenti minn dak li oriġinaw fih.

(5) Dawk id-diffikultajiet jistgħu jfixklu l-ħidma tajba tas-suq intern, il-konsegwenza tagħhom tkun li huwa biżżejjed li s-sors ta' prattika kontra l-liġi jitressaq għal pajjiż ieħor sabiex din titqiegħed 'il bogħod minn kull forma ta' inforzament. Dan jikkostitwixxi tfixkil għall-kompetizzjoni.

(6) Dawk id-diffikultajiet x'aktarx inaqqsu l-fiduċja tal-konsumatur fis-suq intern u jistgħu jillimitaw l-iskop għall-azzjoni minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi kollettivi tal-konsumaturi jew korpi pubbliċi indipendenti responsabbli biex jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi, li jkunu affetwati ħażin mill-prattiċi li jiksru l-liġi tal-Komunità.

(7) Dawk il-prattiċi ħafna drabi jestendu lil hinn mill-fruntieri bejn l-Istati Membri. Hemm bżonn urġenti għal ċertu grad ta' approssimazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ddisinjati sabiex jiġi ordnat it-twaqqif tal-prattiċi kontra l-liġi msemmijin hawn fuq irrispettivament mill-Istat Membru li fih il-prattika kontra l-liġi produċiet l-effetti tagħha. Rigward il-ġurisdizzjoni, l-azzjoni prevista hija mingħajr preġudizzju għar-regoli għad-dritt privat internazzjonali u l-Konvenzjonijiet fis-seħħ bejn l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta l-obbligi ġenerali tal-Istati Membri li joħorġu mit-Trattat, b'mod partikolari dawk relatati mal-ħidma tajba tas-suq intern.

(8) L-għanijiet tal-azzjoni prevista jistgħu jinkisbu biss mill-Komunità. Huwa b'hekk id-dmir tal-Komunità li taġixxi.

([1]) ĠU C 161, 13.7.2007, p. 39.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 (ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 73) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2009.
([3]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 51.
([4]) Ara l-Anness II, Parti A.

(9) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat iqiegħed responsabbilita fuq il-Komunità li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat. F'konformità ma' dak l-Artikolu, il-fatturi speċifiċi tas-sistemi legali nazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati safejn ikun possibbli, billi l-Istati Membri jitħallew ħielsa sabiex jagħżlu l-għażliet differenti li għandhom effett ekwivalenti. Il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex jirregolaw il-proċeduri li ssir riferenza għalihom f'din id-Direttiva għandhom ikollhom id-dritt li jeżaminaw l-effetti tad-deċiżjonijiet li ttieħdu qabel.

(10) Għażla waħda għandha tikkonsisti fl-obbligu li korp pubbliku indipendenti jew aktar, responsabbli speċifikament għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, jeżerċita d-drittijiet ta' azzjonijiet ippreżentati f'din id-Direttiva. Għażla oħra għandha tipprovdi għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet minn organizzazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumatur, f'konformità mal-kriterji stipulati mil-liġi nazzjonali.

(11) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu bejn jew jikkombinaw dawn iż-żewġ għażliet meta jinnominaw il-korpi u/jew organizzazzjonjiiet ikkwalifikati għall-għanijiet ta' din id-Direttiva fil-livell nazzjonali.

(12) Għall-għanijiet tal-ġlieda kontra l- ksur intrakomunitarju, il-prinċipju ta' għarfien mutwali għandu japplika għal dawk il-korpi u/jew organizzazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-entitajiet nazzjonali tagħhom, jibgħatu lill-Kummissjoni l-isem u l-għan tal-entitajiet nazzjonali tagħhom li huma kwalifikati li jieħdu azzjoni f'pajjiżhom stess skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

(13) Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura l-pubblikazzjoni ta' lista ta' dawn l-entitajiet kwalifikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sakemm tkun ippublikata stqarrija għall-kuntrarju, entità kwalifikata tkun preżunta li għandha kapaċità legali jekk isimha tidher f'dik il-lista.

(14) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeħtieġu li ssir konsultazzjoni minn qabel mill-parti li jkollha l-ħsieb li tressaq azzjoni għal inġunzjoni, sabiex jagħtu lill-akkużat opportunità li jwaqqaf il-ksur tal-liġi kontestat. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeħtieġu li din il-konsultazzjoni minn qabel issir flimkien ma' korp pubbliku indipendenti maħtur minn dawk l-Istati Membri.

(15) Meta l-Istati Membri jkunu stabbilew li għandu jkun hemm konsultazzjoni minn qabel, għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien ta' ġimgħatejn wara li tkun riċevuta t-talba għall-konsultazzjoni, wara liema, jekk ma jinkisibx it-twaqqif tal-ksur tal-liġi, l-applikant għandu jkun intitolat li jġib azzjoni, mingħajr ebda dewmien żejjed, quddiem il-qorti jew awtorità amminstrattiva kompetenti.

(16) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tippreżenta rapport fuq il-ħidma ta' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, dwar l-ambitu u dwar l-ħidma tal-konsultazzjoni minn qabel tagħha.

(17) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-applikazzjoni tar-regoli tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni.

(18) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati ma' azzjonijiet għal inġunzjoni li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 2 immirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi inklużi fid-Direttivi elenkati fl-Anness I, bil-għan li tkun żgurata l-ħidma t-tajba tas-suq intern.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, ksur għandu jfisser kull att kuntrarju tad-Direttivi elenkati fl-Anness I li jinbidlu bl-ordni legali interna tal-Istati Membri li jagħmlu l-ħsara lill-interessi kollettivi li saret riferenza għalihom fil-paragrafu 1.

*Artikolu 2*

**Azzjonijiet għal inġunzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi kompetenti li jirregolaw l-proċeduri li jinbdew minn entitajiet kwalifikati fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3 li jfittxu:

(a) li jwaqqfu jew jimpedixxu kwalunkwe ksur, bil-ħeffa kollha meħtieġa, fejn xieraq permezz ta' proċedura sommarja;

(b) fejn ikun il-każ, li jiksbu miżuri bħalma huma l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, kollha kemm hi jew parti minnha, fit-tali forma li tinftiehem li hi adegwata u/jew il-pubblikazzjoni ta' stqarrija korrettiva bil-għan li jiġu eleminati l-effetti kontinwi tal-ksur;

(c) safejn tippermetti s-sistema legali tal-Istat Membru konċernat, li jikkundannaw lill-konvenut telliefi għall-ħlasijiet għal ġewwa l-erarju pubbliku jew għal kull benefikant nominat jew previst fil- jew taħt il-leġislazzjoni nazzjonali, fl-eventwalità ta' nuqqas li jikkonforma mad-deċiżjoni f'limitu ta' żmien speċifikat mill-qrati jew awtoritajiet amministrattivi, ta' ammont fiss għal kull ġurnata ta' dewmien jew kull ammont ieħor li hemm provdut għalih fil-leġislazzjoni nazzjonali bil-għan li tkun żgurata l-konformità mad-deċiżjonijiet.

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli tad-dritt privat internazzjonali, b'rispett għal-liġi applikabbli, jiġifieri, normalment, jew il-liġi tal-Istat Membru fejn oriġina l-ksur jew tal-liġi tal-Istat Membru fejn il-ksur ikun ħalla l-effetti tiegħu.

*Artikolu 3*

**Entitajiet kwalifikati sabiex jieħdu azzjoni**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "entità kwalifikata" tfisser kull korp jew organizzazzjoni li, filwaqt li huwa debitament kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru, għandu interess leġittimu li jiżgura li d-dispożizzjonijiet li saret riferenza għalihom fl-Artikolu 1 ikunu rrispettati, b'mod partikolari:

(a) korp jew aktar indipendenti, speċifikament responsabbli biex jipproteġġi l-interessi li saret riferenza għalihom fl-Artikolu 1, fl-Istati Membri fejn jeżistu dawn il-korpi; u/jew

(b) organizzazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jipproteġu l-interessi li saret riferenza għalihom fl-Artikolu 1, f'konformità mal-kriterji stipulati mill-liġi nazzjonali.

*Artikolu 4*

**Ksur intra-Komunitarju**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li, fl-eventwalità ta' ksur li joriġina f'dak l-Istat Membru, kull entità kwalifikata minn Stat Membru ieħor fejn l-interessi protetti minn dik l-entità kwalifikata huma effettwati mill-ksur, jista' jġib quddiem il-qorti jew l-awtorità amministrattiva li saret riferenza għaliha fl-Artikolu 2, fuq preżentazzjoni tal-lista li hemm provdut għaliha fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jaċċettaw din il-lista bħala prova tal-kapaċità legali tal-entità kwalifikata mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jeżaminaw jekk l-għan tal-entità kwalifikata jiġġustifikax il-fatt li qed tieħu azzjoni f'każ speċifiku.

2. Għall-għanijiet tal-ksur ta' liġi intra-Komunitarju, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lill-entitajiet oħra fil-leġislazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-entitajiet kwalifikati tagħhom, jikkomunikaw lill-Kummissjoni li dawn l-entitajiet huma kwalifikati li jieħdu azzjoni skont l-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-isem u l-għan ta' dawn l-entitajiet kwalifikati.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel lista tal-entitajiet kwalifikati li saret riferenza għalihom fil-paragrafu 2, bl-ispeċifikazzjoni tal-għan tagħhom. Din il-lista għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; tibdiliet lil din il-lista għandhom ikunu pubblikati mingħajr dewmien, u l-lista aġġornata għandha tkun ippubblikata kull sitt xhur.

*Artikolu 5*

**Konsultazzjoni minn qabel**

1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet li bihom il-parti li tixtieq tfittex inġunzjoni tista' tibda din il-proċedura biss wara li tkun ipprovat tikseb il-waqfien tal-ksur f'konsultazzjoni jew mal-akkużat jew sew mal-akkużat kif ukoll ma' entità kwalifikata skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tal-Istat Membru li fih hija mfittxija l-inġunzjoni. Għandu jitħalla għall-Istati Membri li jiddeċidu jekk il-parti li qiegħdha tfittex l-inġunzjoni għandhiex tikkonsulta l-entità kwalifikata. Jekk il-waqfien tal-ksur ma jinkisibx fi żmien ġimgħatejn wara li tkun riċevuta t-talba għall-konsultazzjoni, il-parti konċernata tista' ġġib azzjoni għall-inġunzjoni mingħajr aktar dewmien.

2. Ir-regoli li jirregolaw il-konsultazzjoni minn qabel adottati mill-Istati Membri għandhom ikunu innotifikati lill-Kummissjoni u għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Rapporti**

1. Kull tlett snin u għall-ewwel darba mhux aktar tard mit-2 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Fl-ewwel rapport tagħha l-Kummissjoni għandha teżamina b'mod partikolari:

(a) l-iskop ta' din id-Direttiva f'relazzjoni mal-protezzjoni tal-interessi kollettivi ta' persuni li jeżerċitaw attività kummerċjali, industrijali, sengħa jew professjonali;

(b) l-iskop ta' din id-Direttiva kif inhu determinat mid-Direttivi elenkati fl-Anness I;

(c) jekk il-konsultazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 5 ikkontribwixxietx għall-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi.

Fejn xieraq, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti bil-għan li tkun emendata din id-Direttiva.

*Artikolu 7*

**Dispożizzjoni għal azzjoni aktar wiesgħa**

Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iddisinjati li jagħtu lill-entitajiet kwalifikati jew kull persuna oħra konċernata aktar drittijiet estensivi biex iressqu l-azzjoni f'livell nazzjonali.

*Artikolu 8*

**Implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

**Tħassir**

Id-Direttiva 98/27/KE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u applikazzjoni tad-Direttivi, mniżżla fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2009.

*Artikolu 11*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 23 ta' April 2009.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. NEČAS

*ANNESS I*

**LISTA TAD-DIRETTIVI KOPERTI MILL-ARTIKOLU 1** ([1])

1. Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju (ĠU L 372, 31.12.1985, p. 31).

2. Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur (ĠU L 42, 12.2.1987, p. 48) ([2]).

3. Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni: L-Artikoli 10 sa 21 (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23).

4. Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU L 158, 23.6.1990, p. 59).

5. Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f' kuntratti mal- konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

6. Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19).

7. Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12).

8. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

9. Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem: Artikoli 86 sa 100 (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

10. Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji tal-konsumatur (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16).

11. Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

12. Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

13. Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju (ĠU L 33, 3.2.2009, p. 10).

---

([1]) Direttivi Nri 5, 6, 9 u 11 jikkontjenu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar inġunzjonijiet.

([2]) Id-Direttiva msemmija ġiet imħassra u sostitwita mid-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66) b'effett mit-12 ta' Mejju 2010.

*ANNESS II*

## PARTI A

### Direttiva mħassra flimkien mal-emendamenti suċċessivi tagħha

(imsemmi fl-Artikolu 9)

Direttiva 98/27/KE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 166, 11.6.1998, p. 51).

| | |
|---|---|
| Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12). | biss fir-rigward tal-Artikolu 10 tagħha |
| Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1). | biss fir-rigward tal-Artikolu 18(2) tagħha |
| Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16). | biss fir-rigward tal-Artikolu 19 tagħha |
| Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22). | biss fir-rigward tal-Artikolu 16(1) tagħha |
| Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36). | biss fir-rigward tal-Artikolu 42 tagħha |

## PARTI B

### Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u applikazzjoni

(imsemmi fl-Artikolu 9)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Limitu ta' żmien għat-applicazzjoni |
|---|---|---|
| 98/27/KE | fl-1 ta' Jannar 2001 | — |
| 1999/44/KE | fl-1 ta' Jannar 2002 | — |
| 2000/31/KE | fis-16 ta' Jannar 2002 | — |
| 2002/65/KE | fid-9 ta' Ottubru 2004 | — |
| 2005/29/KE | fit-12 ta' Ġunju 2007 | fit-12 ta' Diċembru 2007 |
| 2006/123/KE | fit-28 ta' Diċembru 2009 | — |

*ANNESS III*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 98/27/EEK | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikoli 1-5 | Artikoli 1-5 |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, il-punt (a) |
| Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, it-tieni inċiż | Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, il-punt (b) |
| Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, it-tielet inċiż | Artikolu 6(2) l-ewwel sub-paragrafu, il-punt (c) |
| Artikolu 6(2) it-tieni sub-paragrafu | Artikolu 6(2) it-tieni sub-paragrafu |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8(1) | — |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| Artikolu 9 | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| Anness | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-27 ta' April 2009**

**li temenda d-Deċiżjoni 2007/134/KE li twaqqaf il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/357/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: Ideat li timplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Skont is-Seba' Programm Kwadru, il-Programm Speċifiku "Ideat" għandu l-għan li jsostni r-riċerka fuq il-fruntieri tal-għarfien immexxija minn riċerkaturi f'kull qasam tax-xjenza, tal-inġinerija u akkademiku, imwettqa f'temi magħżulin mir-riċerkaturi stess.

(2) Bid-Deċiżjoni 2007/134/KE ([3]), il-Kummissjoni stabbiliet il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (minn hawn 'il quddiem l-ERC) li huwa l-mezz għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku "Ideat".

(3) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 2007/134/KE, l-ERC jikkonsisti minn Kunsill Xjentifiku indipendenti sostnut minn struttura dedikata għall-implimentazzjoni.

(4) Il-Kunsill Xjentifiku huwa magħmul minn xjenzati, inġiniera u akkademiċi tal-aqwa preġju, maħturin mill-Kummissjoni, u jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom, independenti minn kwalunkwe influwenza esterna. Jaġixxi skont il-mandat li ngħatalu fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2007/134/KE.

(5) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2007/134/KE, il-Kunsill Xjentifiku huwa magħmul minn massimu ta' 22 membru.

(6) Tliet membri tal-Kunsill Xjentifiku rriżenjaw minħabba raġunijiet personali: Il-Prof. Manuel CASTELLS, mill-Universitat Oberta de Catalunya; il-Prof. Paul J. CRUTZEN, mill-Max-Planck-Institut für Chemie, Mainz; il-Prof. Lord MAY, mill-Università ta' Oxford.

(7) Skont l-Artikolu 4(7) tad-Deċiżjoni 2007/134/KE, meta jirriżenja xi membru, jew meta jiskadi mandat li ma jistax jiġġedded, il-Kummissjoni għandha taħtar membru ġdid.

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 242; kif ikkoreġut bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 81.
([3]) ĠU L 57, 24.2.2007, p. 14.

(8) Skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni 2007/134/KE, il-membri għandhom jinħatru għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded darba abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni, li għandha tiżgura l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill Xjentifiku.

(9) Skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 2007/134/KE, il-membri futuri għandhom jinħatru mill-Kummissjoni abbażi tal-fatturi u l-kriterji stipulati fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni, u permezz ta' proċedura għall-identifikazzjoni tagħhom li tkun indipendenti u trasparenti, miftiehma mal-Kunsill Xjentifiku u tinkludi konsultazzjoni mal-komunità xjentifika u rapport lill-Parlament u lill-Kunsill; Din il-proċedura twettqet permezz ta' Kumitat tal-Identifikazzjoni indipendenti, li r-rapport tiegħu intbagħad lill-Parlament u lill-Kunsill. Dan il-Kumitat għamel rakkomandazzjonijiet għat-tliet membri ġodda u dawn ġew aċċettati.

(10) Skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 2007/134/KE, il-ħatra ta' membri futuri għandha tiġi ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1],

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p 1.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma b'dan maħtura membri tal-Kunsill Xjentifiku tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka b'mandat ta' erba' snin.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**MEMBRI ĠODDA TAL-KUNSILL XJENTIFIKU TAL-ERC**

Il-Prof. Sierd A.P.L. CLOETINGH, mill-Vrije Universiteit Amsterdam

Il-Prof. Carlos M. DUARTE, mill-Consejo Superior de Investigaciones Científicas, Majorca

Il-Prof. Henrietta L. MOORE, mill-Università ta' Cambridge

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' April 2009

## dwar l-armonizzazzjoni, it-trażmissjoni regolari tat-tagħrif u l-kwestjonarju msemmija fl-Artikoli 22(1)(a) u 18 tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-iskart mill-industriji tal-estrazzjoni

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3011)*

(2009/358/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar [il-ġestjoni] ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE [1], u b'mod partikulari l-Artikoli (22)(1)(a) u (18) tagħha,

Billi:

(1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi sabiex jiġi żgurat il-ġbir armonizzat, fil-ħin u xieraq tat-tagħrif imsemmi fl-Artikoli 7(5), 11(3) u 12(6) tad-Direttiva 2006/21/KE, flimkien mat-trażmissjoni tiegħu, jekk tintalab, u sabiex titwaqqaf il-bażi għall-kwestjonarju msemmi fl-Artikolu 18(1) tal-istess Direttiva.

(2) It-trażmissjoni ta' kull sena tat-tagħrif imsemmi fl-Artikoli 7(5), 11(3) u 12(6) tad-Direttiva 2006/21/KE għandu jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' April tas-sena ta' wara.

(3) Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/21/KE għandu jkopri, għall-ewwel darba, il-perjodu mill-1 ta' Mejju 2008 sat-30 ta' April 2011 u għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2012.

(4) Sabiex ikun illimitat il-piż amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-lista tat-tagħrif meħtieġ għandha tkun illimitata għal dejta utli bil-għan li tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Bl-istess mod, it-trażmissjoni tat-tagħrif ta kull sena dwar l-avvenimenti msemmija fl-Artikoli 11(3) u 12(6) tad-Direttiva 2006/21/KE għandu jkun illimitat għall-Istati Membri li fihom ikunu seħħew dawn it-tipi ta' avvenimenti matul il-perjodu kkunsidrat.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2006/21/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tagħrif inkluż fil-permessi mogħtija skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/21/KE, li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-istatistika tal-Komunità jekk jintalab għal skopijiet tal-istatistika, qed jingħata fid-dettall fl-Anness I.

*Artikolu 2*

F'każ li fi Stat Membru jseħħ/u wieħed jew aktar mill-avvenimenti msemmija fl-Artikoli 11(3) u 12(6) tad-Direttiva 2006/21/KE, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni t-tagħrif mogħti fid-dettall fl-Anness II, fuq bażi ta' kull sena, għal kull avveniment. Dan it-tagħrif għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April tas-sena ta' wara u għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' dik is-sena partikulari.

*Artikolu 3*

Il-kwestjonarju mogħti fl-Anness III għandu jintuża mill-Istati Membri sabiex jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/21/KE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

*ANNESS I*

**It-tagħrif li għandu jkun inkluż fil-lista tal-permessi maħruġin skont id-Direttiva 2006/21/KE**

(1) L-isem u l-indirizz tal-faċilità, tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-permess u tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ispezzjoni.

(2) Tagħrif bażiku dwar il-permess maħruġ inkluż id-data tal-ħruġ, il-perjodu tal-validità tiegħu, il-kategorija tal-faċilità tal-iskart skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva, id-deskrizzjoni tal-istadju ta' ħidma tal-istallazzjoni (l-istadju tat-tħaddim, l-istadju tal-għeluq, jew l-istadju ta' wara l-għeluq).

(3) Jekk ikun xieraq, tagħrif dwar it-tip ta' skart u deskrizzjoni fil-qosor tal-istallazzjonijiet u tal-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' kontroll.

*ANNESS II*

**It-tagħrif li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni dwar l-avvenimenti msemmija fl-Artikoli 11(3) u 12(6) skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2006/21/KE**

Għall kull avveniment għandu jinġabar u jintbagħat it-tagħrif li ġej:

1. L-isem u l-indirizz tal-faċilità, tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-permess u tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ispezzjoni.

2. Tagħrif dwar il-permess maħruġ inklużi d-data tal-ħruġ, il-perjodu tal-validità tiegħu, il-kategorija tal-faċilità tal-iskart skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva, it-tip ta' skart u deskrizzjoni fil-qosor tal-istallazzjonijiet u tal-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' kontroll; id-deskrizzjoni tal-istadju ta' ħidma tal-istallazzjoni (l-istadju tat-tħaddim, l-istadju tal-għeluq, jew l-istadju ta' wara l-għeluq).

3. Deskrizzjoni tal-avveniment inklużi:

   (a) In-natura tal-inċident u deskrizzjoni tiegħu; deskrizzjoni dwar kif kien żvelat l-avveniment; il-post u l-ħin tal-avveniment;

   (b) Il-ħin u d-deskrizzjoni tat-tagħrif li l-operatur bagħat lill-awtoritajiet kompetenti u tat-tagħrif mogħti lill-pubbliku, u jekk ikun rilevanti, lill-Istati Membri l-oħrajn li setgħu kienu potenzjalment ikkonċernati f'każ ta' impatt potenzjali transkonfinali;

   (c) Il-valutazzjoni tal-impatti li jista' jkun hemm fuq l-ambjent u fuq is-saħħa pubblika, u tal-konsegwenzi li jista' jkun hemm fuq l-istabbiltà tal-faċilità tal-iskart;

   (d) L-analiżi tar-raġunijiet għala jista' jkun li seħħ l-avveniment.

4. Deskrizzjoni tal-miżuri korrettivi li ttieħdu biex jitranġa l-avveniment u b'mod partikulari:

   (a) Jekk ikun applikabbli, deskrizzjoni ta' kif ikun ġie implimentat il-pjan ta' emerġenza;

   (b) It-tipi ta' struzzjonijiet li ngħataw mill-awtoritajiet kompetenti;

   (c) Miżuri oħrajn li għandhom jiġu speċifikati.

5. Deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu sabiex jiġi evitat inċident ieħor tal-istess tip u b'mod partikulari:

   (a) Il-kundizzjonijiet ġodda inklużi fil-permess;

   (b) L-adattament tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll;

   (c) It-titjib fit-trażmisssjoni tat-tagħrif;

   (d) Miżuri oħrajn li għandhom jiġu speċifikati.

6. Tagħrif ieħor li jista' jkun utli għall-Istati Membri l-oħrajn u għall-Kummissjoni sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

*ANNESS III*

**"Il-kwestjonarju għar-rapport tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/21/KE**

IL-PARTI A: MISTOQSIJIET LI GĦANDHOM JITWIEĠBU DARBA BISS GĦALL-EWWEL PERJODU TA' RRAPPURTAR

1. *Arranġamenti amministrattivi u tagħrif ġenerali*

Jekk jogħġbok indika l-awtorità/l-awtoritajiet kompetenti responsabbli:

(a) għall-verifika u għall-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart proposti mill-operaturi;

(b) biex jistabbilixxu l-pjanijiet esterni tal-emerġenza għall-istallazzjonijiet tal-Kategorija 'A';

(c) biex joħorġu u jaġġornaw il-permessi u biex jistabbilixxu u jaġġornaw il-garanzija finanzjarja, u

(d) biex jagħmlu spezzjonijiet tal-faċilitajiet tal-iskart.

2. *Il-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart u l-prevenzjoni ta' inċidenti serji u t-tagħrif dwarhom*

(a) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor: il-proċeduri li ġew stabbiliti għall-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva.

(b) Għall-istallazzjonijiet tal-kategorija 'A' li ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli ta' aċċidenti [inċidenti] kbar fl-użu ta' [li jinvolvu] sustanzi perikolużi [1], jekk jogħġbok iddeskrivi l-miżuri li ttieħdu sabiex:

— jiġu identifikati l-perikli ta' inċidenti kbar;

— jiġu inkorporati l-elementi meħtieġa fid-diżinn, fit-tħaddim u fl-għeluq tal-istallazzjoni; u,

— jiġu llimitati l-konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa pubblika u/jew fuq l-ambjent.

3. *Il-permess u l-garanzija finanzjarja*

(a) Jekk jogħġbok indika l-miżuri li ttieħdu sabiex ikun żgurat li l-faċilitajiet kollha li qed jitħaddmu jkunu koperti b'permess qabel l-1 ta' Mejju 2012, f'konformità mad-Direttiva.

(b) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex l-awtoritajiet li huma responsabbli biex jistabbilixxu u jikkontrollaw il-permessi jsiru jafu dwar l-aħjar tekniki disponibbli.

(c) Jekk jogħġbok indika jekk intużatx il-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva dwar it-tnaqqis jew it-tneħħija tar-rekwiżiti għad-depożitu ta' skart mhux perikoluż – inerti jew mhux, ħamrija jew pit mhux imniġġsa – jew le.

(d) Jekk jogħġbok spjega l-miżuri li ttieħdu sabiex ikun żgurat li l-permessi jkunu aġġornati b'mod regolari kif previst fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva.

(e) Jekk jogħġbok agħti dettalji dwar il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva, imwaqqfa sabiex tiġi stabbilita l-garanzija finanzjarja u l-aġġustament perjodiku tagħha. Kemm-il stallazzjoni hija diġà koperta b'garanzija skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva? Kif se jkun żgurat li l-istallazzjonijiet kollha se jkunu koperti b'garanzija qabel l-1 ta' Mejju 2014?

4. *Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-effetti transkonfinali*

(a) Jekk jogħġbok spjega kif se jiġu analizzati l-opinjoni pubblika u l-kummenti tal-pubbliku u kif dawn se jitqiesu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-permessi u waqt it-tħejjija tal-pjanijiet esterni tal-emerġenza.

---

[1] ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.

(b) Għal stallazzjonijiet li jista' jkollhom impatt transkonfinali, kif se jkun żgurat li t-tagħrif meħtieġ se jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-ieħor u għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kkonċernat għal perjodu ta' żmien xieraq?

(c) Għal stallazzjonijiet tal-Kategorija 'A' u f'każ ta' inċidenti serji, x'inhuma l-arranġamenti prattiċi li ttieħdu sabiex ikun żgurat:

— li t-tagħrif meħtieġ jintbagħat minnufih mill-operatur lill-awtorità kompetenti?

— li t-tagħrif dwar il-miżuri tas-sikurezza u dwar l-azzjoni meħtieġa jingħata lill-pubbliku? u,

— li t-tagħrif li jkun ipprovda l-operatur jintbagħat lill-Istat Membru l-ieħor f'każ ta' stallazzjoni li jista' jkollha impatt transkonfinali?

5. *Il-bini u l-ġestjoni tal-faċilitajiet tal-iskart*

(a) Jekk jogħġbok agħti dettalji dwar il-miżuri li ttieħdu sabiex ikun żgurat li l-ġestjoni tal-faċilitajiet tal-iskart tkun f'idejn 'persuna kompetenti' kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva u li l-persunal jitħarreġ kif xieraq.

(b) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura mwaqqfa għan-notifika, fi żmien 48 siegħa, lill-awtorità, dwar kwalunkwe avveniment li x'aktarx jaffettwa l-istabbiltà tal-faċilità u dwar kwalunkwe effetti ambjentali sinifikanti żvelati mill-monitoraġġ.

(c) Jekk jogħġbok iddeskrivi kif, skont l-Artikolu 11, l-awtorità kompetenti qed tivverifika li rapporti regolari dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ qegħdin:

— jintbagħtu mill-operatur lill-awtorità;

— juru konformità mal-kundizzjonijiet relatati mal-permess.

6. *Il-proċeduri tal-għeluq u ta' wara l-għeluq u l-inventarju*

(a) Jekk jogħġbok spjega fil-qosor il-proċedura mwaqqfa sabiex ikun żgurat li wara l-għeluq tal-faċilità u meta l-awtorità tqis li hu meħtieġ, jitwettqu kontrolli regolari tal-istabbiltà u jittieħdu miżuri sabiex jitnaqqsu l-effetti ambjentali.

(b) Jekk jogħġbok agħti dettalji dwar il-miżura li ttieħdet sabiex ikun żgurat li, sal-1 ta' Mejju 2012, isir l-inventarju tal-faċilitajiet magħluqin, hekk kif previst fl-Artikolu 20 tad-Direttiva.

7. *L-ispezzjonijiet*

(a) Jekk jogħġbok spjega fil-qosor jekk il-kriterji minimi għall-ispezzjoni ambjentali ([1]) humiex meqjusa f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-faċilitajiet li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva, u jekk dan huwa l-każ, kif dan qed isehh.

(b) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor kif qed jiġu ppjanati l-attivitajiet ta' spezzjoni. L-istallazzjonijiet prijoritarji għall-ispezzjoni qed jiġu identifikati, u skont liema kriterji qed isir dan? It-tip ta' spezzjonijiet u l-frekwenza tagħhom huma adattati għar-riskji marbutin mal-istallazzjoni u mal-ambjent tagħha?

(c) Jekk jogħġbok spjega x'azzjonijiet ta' spezzjoni qed jitwettqu, bħal, pereżempju, rutina ta' spezzjonijiet fuq il-post jew le, it-teħid ta' kampjuni, il-kontroll tad-dejta tal-monitoraġġ imwettaq mill-faċilità stess, il-kontroll tar-reġistri 'aġġornati' tal-ħidmiet tal-ġestjoni tal-iskart.

(d) Jekk jogħġbok spjega l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex ikun żgurat li l-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart li jkunu ġew approvati jkunu aġġornati u mmonitorjati b'mod regolari.

(e) Liema huma r-regoli dwar il-pieni li japplikaw f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva?

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 li tipprovdi għall-kriterji minimi għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri (ĠU L 118, 27.4.2001, p. 41).

IL-PARTI B. MISTOQSIJIET LI GĦANDHOM JITWIEĠBU GĦAL KULL PERJODU TA' RRAPPURTAR

1. *Arranġamenti amministrattivi u tagħrif ġenerali*

(a) Jekk jogħġbok indika l-Entità Amministrattiva li għandha f'idejha l-koordinazzjoni tat-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju (l-isem, l-indirizz, il-persuna ta' kuntatt, u l-indirizz elettroniku).

(b) Jekk inhu possibbli, jekk jogħġbok agħti stima tal-għadd ta' faċilitajiet għall-iskart mill-industriji tal-estrazzjoni li hemm fit-territorju tal-Istat Membru billi tuża t-tabella mogħtija fl-Anness.

(c) Jekk jogħġbok indika l-għadd ta' faċilitajiet tal-iskart tal-Kategorija 'A' li qed jitħaddmu fit-territorju tiegħek u li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem fi Stat Membru ieħor.

2. *Il-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart u l-prevenzjoni ta' inċidenti serji u t-tagħrif dwarhom*

(a) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor:

— l-għadd ta' pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart li ġew approvati jew irrifjutati b'mod temporanju jew b'mod definittiv matul il-perjodu ta' rrappurtar; u

— jekk inhu rilevanti, u jekk inhu possibbli, ir-raġunijiet ewlenin għala xi pjan għall-ġestjoni tal-iskart ġie rrifjutat b'mod definittiv.

(b) Jekk jogħġbok agħti lista tal-pjanijiet esterni tal-emerġenza msemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva. Jekk l-istallazzjonijiet tal-Kategorija 'A' għadhom mhumiex kollha koperti minn pjan ta' emerġenza, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' pjanijiet li għad jonqos u l-ippjanar sabiex dawn il-pjanijiet jiġu stabbiliti.

(c) Jekk f'pajjiżek ġiet stabbilita lista tal-iskart inerti kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE tat-30 ta' April 2009 li tlesti d-definizzjoni tal-'iskart inerti' sabiex timplimenta l-Artikolu 22(1)(f) tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industrija tal-estrazzjoni ([1]), jekk jogħġbok agħti kopja ta' dik il-lista inkluża deskrizzjoni fil-qosor tat-tagħrif u d-dejta użati sabiex ikun deċiż jekk l-iskart elenkat jistax jitqies bħala inerti.

3. *Il-permess u l-garanzija finanzjarja*

Jekk jogħġbok indika l-għadd ta' stallazzjonijiet li għalihom inħareġ permess f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, jekk inhu possibbli billi tuża t-tabella mogħtija fl-Anness.

4. *Il-proċeduri tal-għeluq u ta' wara l-għeluq u l-inventarju*

(a) Jekk jogħġbok indika kemm twettqu u/jew kemm ġew approvati proċeduri tal-għeluq, kif spjegat fid-dettall fl-Artikolu 12 tad-Direttiva, matul il-perjodu ta' rrappurtar.

(b) Kemm-il stallazzjoni hija magħluqa u mmonitorjata b'mod regolari f'pajjiżek?

5. *L-ispezzjonijiet*

(a) Jekk jogħġbok indika l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' rrappurtar, u jekk possibbli agħżel bejn l-ispezzjonijiet imwettqa:

— Fi stallazzjonijiet tal-Kategorija 'A' u dawk imwettqa fi stallazzjonijiet oħra;

— Fi stallazzjonijiet tal-iskart inerti; u

— Fi stallazzjonijiet tal-iskart mhux inerti u mhux perikoluż.

Jekk tfassal programm ta' spezzjoni fil-livell xieraq ġeografiku (fil-livell Nazzjonali/Reġjonali/Lokali), jekk jogħġbok agħti kopja ta' dan il-programm (ta' dawn il-programmi) fl-anness tar-rapport.

(b) Kemm-il każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ġie identifikat? Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' konformità u l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva.

([1]) ĠU L 110, 1.5.2009, p. 46.

6. *Tagħrif ieħor rilevanti*

(a) Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor id-diffikultajiet ewlenin li ħabbattu wiċċkom magħhom meta kontu qed timplimentaw id-Direttiva. Kif ingħelbu dawn il-problemi possibbli?

(b) Jekk jogħġbok agħti kwalunkwe kumment, suġġeriment u tagħrif addizzjonali marbut mal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

---

*ANNESS* (1)

| | L-istallazzjonijiet li qed jithaddmu | L-istallazzjonijiet li qed jitħaddmu u li għandhom permess (1) | L-istallazzjonijiet li qegħdin fl-istadju ta' tranżizzjoni (2) | L-istallazzjonijiet li qegħdin fl-istadju tal-għeluq (3) | L-istallazzjonijiet li ngħalqu jew li ġew abbandunati (4) |
|---|---|---|---|---|---|
| L-istallazzjonijiet tal-Kategorija 'A' (5) | | | | | |
| L-istallazzjonijiet minn fosthom li huma tat-tip 'Seveso' (6) | | | | | |
| L-istallazzjonijiet li mhumiex tal-Kategorija 'A' | | | | | |
| L-istallazzjonijiet tal-iskart inerti (7) | | | | | |
| L-istallazzjonijiet tal-iskart mhux inerti u mhux perikoluż | | | | | |
| It-total | | | | | |

(1) L-għadd ta' stallazzjonijiet li għandhom permess u li diġà jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.
(2) L-għadd ta' stallazzjonijiet li se jingħalqu sa qabel l-2010 u li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 24(4).
(3) L-għadd ta' stallazzjonijiet li l-proċeduri tal-għeluq tagħhom għadhom għaddejjin (l-Artikolu 12).
(4) Jekk inhu possibbli, jekk jogħġbok agħti stima tal-għadd ta' faċilitajiet li ngħalqu jew li ġew abbandunati, li jistgħu jkunu ta' ħsara u li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 20 tad-Direttiva.
(5) L-istallazzjonijiet ikklassifikati bħala stallazzjonijiet tal-Kategorija 'A' skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva.
(6) L-istallazzjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 96/82/KE.
(7) L-istallazzjonijiet li jittrattaw biss skart inerti kif iddefinit fid-Direttiva."

(1) Jekk inhu possibbli, jekk jogħġbok agħti d-dettalji separati għal kull settur għas-setturi tal-minerali tal-bini, tal-minerali tal-metall, tal-minerali tal-industrija, tal-minerali tal-enerġija u għas-setturi l-oħrajn.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2009

## għall-kompletezza tad-definizzjoni tal-iskart inert fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(1)(f) tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industrija tal-estrazzjoni

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3012)*

(2009/359/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industrija tal-estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([1]), u b'mod partikolari l-punt (f) tal-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2006/21/KE jipprovdi definizzjoni għall-iskart inert.

(2) L-għan li d-definizzjoni tal-iskart inert tiġi kkomplimentata huwa li jiġu stabbiliti kriterji u kundizzjonijiet ċari li bihom l-iskart mill-industrija tal-estrazzjoni jkun jista' jitqies bħala skart inert.

(3) Biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, huwa xieraq minn perspettiva teknika li dak l-iskart li dwaru hu disponibbli t-tagħrif rilevanti eżistenti jiġi eżentat minn ittestjar speċifiku, u li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu listi ta' materjal ta' skart li jkun jista' jitqies bħala inert skont il-kriterji stipulati f'din id-Deċiżjoni preżenti.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità u r-rappreżentattività tat-tagħrif użat, din id-Deċiżjoni għandha tiġi applikata fil-qafas tal-karatterizzazzjoni tal-iskart imwettqa skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/360/KE ([2]) u għandha tissejjes fuq l-istess għejjun ta' tagħrif.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. L-iskart għandu jitqies bħala skart inert, skont it-tifsira fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2006/21/KE, meta l-kriterji li ġejjin ikunu ssodisfati kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul:

(a) l-iskart ma jkunx ser jgħaddi minn xi diżintegrazzjoni jew dissoluzzjoni sinifikanti jew bidla sinifikanti oħra li x'aktarx tikkawża xi effett avvers ambjentali jew ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem;

(b) l-iskart ikollu kontenut massimu ta' kubrit sulfur ta' 0.1 %, jew l-iskart ikollu kontenut massimu ta' kubrit sulfur ta' 1 % u l-proporzjoni ta' potenzjal newtralizzanti, iddefinit bħala l-proporzjon bejn il-potenzjal newtralizzanti u l-potenzjal aċidiku, u ddeterminat abbażi ta' test statiku prEN 15875 ikun akbar minn 3;

(ċ) l-iskart ma jippreżenta l-ebda riskju ta' awtokombustjoni jew ma jkunx ser jieħu n-nar;

(d) il-kontenut ta' sustanzi potenzjalment ta' ħsara għall-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem fl-iskart, u partikolarment As, Cd, Co, Cr, Cu, Hg, Mo, Ni, Pb, V u Zn, inkluż kwalunkwe partiċelli fini waħidhom tal-iskart, ikun biżżejjed baxx biex ikun ta' riskju insinifikanti għall-bniedem u l-ambjent, kemm fit-terminu l-qasir kif ukoll fit-tul. Sabiex jitqies baxx biżżejjed biex ikun ta' riskju insinifikanti għall-bniedem u l-ambjent, il-kontenut ta' dawn is-sustanzi ma għandux jaqbeż il-valuri tal-limitu nazzjonali għal siti identifikati bħala mhux kontaminati jew livelli naturali kuntestwali nazzjonali rilevanti;

(e) l-iskart ikun sostanzjalment ħieles minn prodotti wżat f'estrazzjoni jew ipproċessar li jista' jkun ta' ħsara għall-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

2. L-iskart jista' jitqies bħala skart inert mingħajr ittestjar speċifiku jekk ikun jista' jinxtehed, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li l-kriterji stipulati fil-paragrafu 1 tqiesu kif xieraq u tħarsu abbażi tat-tagħrif eżistenti jew proċeduri jew skemi validi.

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.
([2]) Ara paġna 48 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

3. L-Istati Membri jistgħu jfasslu listi ta' materjali tal-iskart li jridu jitqiesu bħala inert skont il-kriterji ddefiniti fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 2*

Il-valutazzjoni tal-propjetà inert tal-iskart skont din id-Deċiżjoni għandha tiġi kkompletata fil-qafas tal-karatterizzazzjoni tal-iskart imsemmija fid-Deċiżjoni 2009/360/KE u għandha tissejjes fuq l-istess għejjun ta' tagħrif.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta’ April 2009

## li tikkompleta r-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart stabbiliti mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta’ skart mill-industrija ta’ estrazzjoni

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3013)*

(2009/360/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta’ skart mill-industriji ta’ estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([1]), u b’mod partikolari, il-punt (a) tal-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) id-Direttiva 2006/21/KE tipprovdi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart bħala parti mill-pjan ta’ ġestjoni tal-iskart, li għandu jitfassal mill-operaturi tal-industriji ta’ estrazzjoni u jiġi approvat mill-awtorità kompetenti. L-Anness II ta’ dik id-Direttiva jipprovdi lista ta’ ċerti aspetti li għandhom jiġu inklużi fil-karatterizzazzjoni tal-iskart.

(2) L-għan tal-karatterizzazzjoni tal-iskart mill-estrazzjoni huwa li jinkiseb it-tagħrif rilevanti dwar l-iskart li għandu jiġi mmaniġġjat għall-finijiet ta’ valutazzjoni u monitoraġġ tal-proprjetajiet, l-imġiba u l-karatteristiċi tiegħu u b’hekk jiġi żgurat li jkun qed isir ġestjoni skont il-kundizzjonijiet li jirrispettaw l-ambjent fil-medda t-twila. Barra minn hekk, il-karatterizzazzjoni ta’ estrazzjoni mill-iskart għandha tiffaċilità d-determinazzjoni tal-għażliet għall-ġestjoni ta’ skart tali u l-miżuri tal-mitigazzjoni relatati sabiex tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

(3) It-tagħrif u d-dejta meħtieġa għall-karaterizzazzjoni tal-iskart mill-estrazzjoni għandhom jinġabru abbażi tat-tagħrif rilevanti eżistenti u xieraq jew, jekk meħtieġ, permezz tat-teħid ta’ kampjuni u l-ittestjar. Għandu jiġi żgurat li t-tagħrif u d-dejta għall-karatterizzazzjoni tal-iskart ikunu xierqa, u ta’ kwalità adegwata u rappreżentattiva tal-iskart. Dan it-tagħrif għandu jkun iġġustifikat kif jixraq fil-pjan ta’ ġestjoni tal-iskart għas-sodisfazzjoni sħiħa tal-awtorità kompetenti.

(4) Il-livell ta’ dettall tat-tagħrif li għandu jinġabar u l-ħtiġijiet tat-teħid ta’ kampjuni u tal-ittestjar għandhom jiġu adattati għat-tip ta’ skart, ir-riskji potenzjali għall-ambjent, u l-faċilità maħsuba tal-iskart. Mil-lat tekniku, għandu jkun possibbli li jiġi adottat approċċ iterattiv biex tiġi żgurata karatterizzazzjoni tal-iskart xierqa.

(5) Mil-lat tekniku, ikun xieraq li jiġi eżentat skart iddefinit bħala inert skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE ([2]) mill-parti tal-ittestjar ġeokimiku.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f’din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita mill-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2006 ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Il-karatterizzazzjoni tal-iskart**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-karatterizzazzjoni tal-iskart li ssir mill-operaturi fl-industriji tal-estrazzjoni tkun konformi ma’ din id-Deċiżjoni.

2. Il-karatterizzazzjoni tal-iskart għandha tkopri l-kategoriji ta’ tagħrif li ġejjin kif speċifikati fl-Anness:

(a) it-tagħrif ta’ sfond;

(b) l-isfond ġeoloġiku tad-depożitu li se jiġi sfruttat;

(c) in-natura tal-iskart u t-trattament ippjanat għalih;

(d) l-imġiba ġeoteknika tal-iskart;

(e) il-karatteristiċi u l-imġiba ġeokimika tal-iskart.

3. Il-kriterji biex jiġi ddefinit l-iskart inert stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/359/KE għandhom jitqiesu għall-iskop ta’ valutazzjoni tal-imġiba ġeokimika tal-iskart. Meta, abbażi ta’ dawk il-kriterji, l-iskart jiġi kkunsidrat li huwa “inert”, jiġi suġġett għall-parti rilevanti tal-ittestjar ġeokimiku msemmi f’punt 5 tal-Anness.

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15

([2]) Ara paġna 46 ta’ dan il-Ġurnal uffiċjali.

([3]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

*Artikolu 2*

**Il-ġbir u l-iskambju ta' tagħrif.**

1. It-tagħrif u d-dejta meħtieġa għall-karatterizzazzjoni tal-iskart għandhom jiinġabru fl-ordni stabbilita f'paragrifi 2 sa 5.

4. Għandhom jintużaw l-investigazzjonijiet u l-istudji eżistenti, inklużi l-permessi, l-istħarriġ ġeoloġiku, is-siti simili, il-listi ta' skart inert, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, l-istandards Ewropej jew dawk nazzjonali għal materjal simili eżistenti, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness.

5. Il-kwalità u r-rappreżentanza tat-tagħrif kollu għandhom jiġu evalwati u għandu jiġi identifikat it-tagħrif nieqes possibbli.

6. Meta jkun hemm nuqqas ta' tagħrif li huwa meħtieġ għall-karatterizzazzjoni, għandu jitfassal pjan għat-teħid ta' kampjuni konformi mal-istandard EN 14899 u għandhom jittieħdu l-kampjuni skont dak il-pjan tat-teħid ta' kampjuni. Il-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni għandhom jiġu bbażati skont it-tagħrif identifikat bħala meħtieġ, li jinkludi:

(a) l-għan tal-ġbir tad-dejta

(f) il-programm tal-ittestjar u r-rekwiżiti għat-teħid ta' kampjuni,

(g) is-sitwazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni, jinkludu t-teħid ta' kampjuni minn kampjuni ta' tħaffir, wiċċ tat-tħaffir, konvejer belt, munzell, għadira, jew sitwazzjoni oħra rilevanti.

(h) il-proċeduri u r-rakkomandazzjonijiet għall-għadd ta' kampjuni, id-daqs, il-massa, id-deskrizzjoni u t-trattament.

L-affidabbiltà u l-kwalità tar-riżultati tat-teħid ta' kampjuni għandhom jiġu evalwati.

7. Ir-riżultati tal-proċess ta' karatterizzazzjoni għandhom jiġu evalwati. Fejn meħtieġ, għandu jinġabar tagħrif addizzjonali billi tintuża l-istess metodoloġija. Ir-riżultat finali għandu jiddaħħal fil-pjan tal-immaniġġar ta' skart.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## IR-REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-KARATTERIZZAZZJONI TA’ SKART

### 1. **It-tagħrif tal-isfond**

Ir-reviżjoni u t-tagħrif tal-isfond ġenerali u l-objettivi tal-operazzjoni tal-estrazzjoni.

Il-ġabra tat-tagħrif ġenerali dwar:

— l-attività ta’ tiftix, ta’ estrazzjoni, jew tal-ipproċessar;

— it-tip u d-deskrizzjoni tal-metodu tal-estrazzjoni u l-proċess applikat;

— in-natura tal-prodott maħsub.

### 2. **L-isfond ġeoloġiku tad-depożitu li se jiġi sfruttat**

L-identifikazzjoni tal-unitajiet ta’ skart li se jiġu esposti permezz tal-estrazzjoni u l-ipproċessar billi jiġi provdut it-tagħrif rilevanti dwar:

— in-natura tat-tip ta’ blat fil-madwar, il-kimika u l-mineraloġija tagħhom, inklużi t-tibdil idrotermiku tal-blat mineralizzat u blat b’livell baxx ta’ minerali;

— in-natura tad-depożitu, inkluż il-blat mineralizzat jew il-mineralizzazzjoni li twassal għal formazzjoni ta’ blat;

— it-tipoloġija tal-mineralizzazzjoni, il-kimika u l-mineraloġija tagħhom, inklużi l-propjetajiet fiżiċi bħad-densità, il-porożità, id-distribuzzjoni tad-daqs ta’ partiċelli, il-kontenut tal-ilma, li jkopri l-minerali maħduma, il-minerali bla valur, il-minerali idrotermiċi li jkunu għadhom kif ifformaw.

— id-daqs u l-ġeometrija tad-depożitu;

— il-bidla minħabba l-kxif għall-elementi u l-bidla fis-superġene mil-lat kimiku u mineraloġiku.

### 3. **L-iskart u t-trattament ippjanat għalih.**

Id-deskrizzjoni tan-natura tal-iskart kollu li jseħħ f’kull operazzjoni ta’ tiftix, estrazzjoni u pproċessar, inkluż is-saff ta’ fuq is-saff tat-tħaffir, l-iskart tal-ġebla u l-fdalijiet imwarrba, billi jiġi provdut tagħrif dwar l-elementi li ġejjin:

— l-oriġini tal-iskart fis-sit ta’ estrazzjoni u l-proċess li qed jiġġenera dak l-iskart bħat-tiftix, l-estrazzjoni, it-tħin, il-konċentrazzjoni;

— il-kwalità tal-iskart;

— deskrizzjoni tas-sistema ta’ trasport tal-iskart;

— id-deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi li se jintużaw matul it-trattament;

— il-klassifikazzjoni tal-iskart skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE ([1]), inklużi l-proprjetajiet perikolużi;

— it-tip ta’ faċilità maħsuba tal-iskart, il-forma finali ta’ esponiment tal-iskart u l-metodu ta’ depożitar tal-iskart fil-faċilità.

### 4. **L-imġiba ġeoteknika tal-iskart**

L-identifikazzjoni tal-parametri xierqa għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi intrinsiċi fiżiċi tal-iskart meta titqies it-tip ta’ faċilità tal-iskart.

Il-parametri rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati huma: il-granulometrija, il-plastiċità, id-densità u l-kontenut tal-ilma, il-livell ta’ kompattazzjoni, is-saħħa kontra t-tiċrit (shear strength) u l-angolu ta’ frizzjoni, il-proporzjon ta’ permeabbiltà u tal-vojta, il-kompressibbiltà u l-konsolidazzjoni.

([1]) ĠU L 226, 6.9.2000, p 3.

5. **Il-karatteristiċi u l-imġiba ġeokimika tal-iskart.**

L-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi kimiki u mineraloġiċi tal-iskart, u ta' kwalunkwe additivi jew residwi li jibqgħu fl-iskart.

It-tbassir tal-kimika tad-dranaġġ wara ċertu żmien għal kull tip ta' skart, waqt li jitqies it-trattament ippjanat, b'mod partikolari:

— l-evalwazzjoni tal-metalli, il-lissija tal-ossanioni u tal-melħ wara ċertu żmien permezz ta' test ta' lissa għad-dipendenza tal-pH, u/jew test ta' "*percolation*" tisfija u/jew rilaxx li jiddependi fuq iż-żmien u/jew ittestjar xieraq;

— għandhom isiru testijiet statiċi jew kinetiċi għal skart li jkun fih is-sulfid sabiex jiġi ddeterminat id-dranaġġ ta' ġebel aċiduż u l-lissijar ta' metalli maż-żmien.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2009

## li tawtorizza għajnuna Finlandiża għal żrieragħ u żerriegħa ta' ċereali għas-sena tal-ħsad 2009

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3078)*

**(It-testi bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

(2009/361/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 182(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bl-ittra tal-10 ta' Diċembru 2008, il-Gvern Finlandiż talab l-awtorizzazzjoni, għas-snin 2009 - 2010, biex jagħti għajnuna lill-bdiewa għal ċerti kwantitajiet ta' tipi ta' żrieragħ u żerriegħa taċ-ċereali li huma prodotti biss fil-Finlandja minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-klima tagħha.

(2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 182(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Finlandja għandha tgħaddi lill-Kummissjoni rapport sodisfaċenti dwar ir-riżultati tal-għajnuna awtorizzata. Konsegwentement, tista' tingħata għajnuna nazzjonali għal żrieragħ ikkultivati fl-2009.

(3) Il-Finlandja talbet awtorizzazzjoni biex tagħti għajnuna għal kull ettaru ta' ċerti erjas ikkultivati bl-ispeċi taż-żrieragħ tal-Gramineae (ħaxix) and tal-Leguminosae (legumi) kif stabbiliti fl-Anness XIII għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([2]), bl-eċċezzjoni tal-Phleum pratense L. (Timothy), u għal ċerti erjas ikkultivati b'żerriegħa ta' ċereali.

(4) L-għajnuna proposta għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 182(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. L-għajnuna tikkonċerna tipi ta' żrieragħ u ta' żerriegħa ta' ċereali kkultivati fil-Finlandja li huma adattati għall-kundizzjonijiet tal-klima ta' dak il-pajjiż u li ma jitkabbrux fi Stati Membri oħrajn. L-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun limitata għat-tipi elenkati fil-lista ta' varjetajiet Finlandiżi li huma prodotti fil-Finlandja biss.

(5) Għandu jkun hemm dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tkun informata dwar il-miżuri meħuda mill-Finlandja biex tikkonforma mal-limiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni,

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, il-Finlandja hija awtorizzata li tagħti għajnuna lil dawk stabbiliti fit-territorju tagħha li jkabbru żrieragħ u żerriegħa ta' ċereali ċertifikati msemmija fl-Anness, f'ammonti skont il-limiti stipulati f'dak l-Anness.

L-awtorizzazzjoni għandha tkopri esklussivament il-varjetajiet elenkati fil-katalogu nazzjonali Finlandiż u li jitkabbru fil-Finlandja biss.

*Artikolu 2*

Il-Finlandja għandha tiżgura, b'sistema ta' spezzjoni xierqa, li l-għajnuna tingħata biss għall-varjetajiet elenkati fl-Anness.

*Artikolu 3*

Il-Finlandja għandha tibgħat lill-Kummissjoni lista tal-varjetajiet ċertifikati konċernati u kwalunkwe emenda f'din il-lista u tinformaha dwar l-erjas u l-kwantitajiet ta' żrieragħ u żerriegħa ta' ċereali li jirċievu l-għajnuna.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta’ April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

**Żrieragħ**

| | |
|---|---|
| Eleġibbli: | erjas li fihom jiġu kkultivati ż-żrieragħ tal-Gramineae (ħaxix) u tal-Leguminosae (legumi) ċertifikati tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness XIII għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 bl-eċċezzjoni tal-Phleum pratense L. (Timothy). |
| L-għajnuna massima għal kull ettaru: | EUR 220 |
| Il-baġit massimu: | EUR 442 200 |

**Żerriegħa ta’ ċereali**

| | |
|---|---|
| Eleġibbli: | erjas li fihom tiġi kkultivata żerriegħa ċertifikata ta’ qamħ, ħafur, xgħir u sikrana. |
| L-għajnuna massima għal kull ettaru: | EUR 73 |
| Il-baġit massimu: | EUR 2 190 000 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2009

## dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' lycopene bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3149)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2009/362/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid [1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2008 l-kumpanija DSM Nutritional Products Ltd. għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda biex tqiegħed lycopene sintetiku fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel. Fis-6 ta' Ottubru 2008 l-entità kompetenti għall-valutazzjoni tal-ikel tal-Irlanda ħarġet ir-rapport inizjali ta' valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li, fid-dawl ta' applikazzjonijiet pendenti oħra li jikkonċernaw il-lycopene, għal lycopene sintetiku hemm bżonn ta' valutazzjoni addizzjonali sabiex jiġi żgurat li tingħata awtorizzazzjoni għall-użu tal-lycopenes differenti bħala ingredjenti ġodda tal-ikel tingħata taħt l-istess termini.

(2) Il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha fit-22 ta' Ottubru 2008.

(3) Fl-4 ta' Diċembru 2008, l-EFSA adottat l-"Opinjoni Xjentifika tal-Bord Xjentifiku dwar il-Prodotti djetetiċi, in-Nutrizzjoni u l-Allerġiji fuq talba tal-Kummissjoni relatata mas-sikurezza tad-Dispersjoni f'Ilma Kiesaħ (DIK) tal-lycopene minn *Blakeslea trispora*" Din l-opinjoni waslet għall-konklużjonijiet li *thejjijiet ta' lycopene maħsuba għall-użu f'ikel u supplimenti tal-ikel huma formulati bħala sospensjonijiet fi żjut li jittieklu, trabjiet kompressibbli direttament jew dispersibbli fl-ilma. Peress li l-lycopene tista' tgħaddi minn bidliet ossidativi f'formulazzjonijiet bħal dawn, għandu jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed protezzjoni antiossidativa.*

(4) L-EFSA kkonkludiet ukoll li l-konsum ta' lycopene mill-utent medju jibqa' taħt il-Teħid Aċċettabbli għal Kuljum (TAK), imma li xi utenti ta' lycopene jistgħu jaqbżu t-TAK. Għalhekk, jidher xieraq li tinġabar dejta dwar it-teħid għal għadd ta' snin wara l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi riveduta din l-awtorizzazzjoni fid-dawl ta' kwalunkwe tagħrif ulterjuri dwar is-sigurtà tal-lycopene u l-konsum tagħha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ġbir ta' dejta rigward il-livelli ta' lycopene fiċ-ċereali tal-kolazzjon. Madankollu, dan ir-rekwiżit fid-Deċiżjoni preżenti, japplika għall-użu tal-lycopene bħala ingredjent ġdid tal-ikel u mhux għall-użu tal-lycopene bħala kulur tal-ikel, li jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi mal-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [2].

(5) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni xjentifika, ġie stabbilit li l-lycopene sintetiku huwa konformi mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nu 258/97.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-lycopene sintetiku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-prodott, kif speċifikat fl-Anness I jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent ġdid tal-ikel għall-użu fl-ikel elenkati fl-Anness II.

### *Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni tal-ingredjent il-ġdid tal-ikel awtorizzat b'din id-Deċiżjoni li trid tidher fuq it-tikketta tal-oġġetti tal-ikel li fihom lilu għandu jkun "lycopene".

### *Artikolu 3*

Il-kumpanija DSM Nutritional Products Ltd. għandha tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ li jakkumpanja t-tqegħid fis-suq tal-prodott. Dan il-programm għandu jinkludi t-tagħrif dwar il-livelli tal-użu ta' lycopene f'ikel kif speċifikat fl-Anness III.

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

[2] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27.

Id-dejta miġbura għandha ssir disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri. Fid-dawl ta' tagħrif ġdid u ta' rapport tal-EFSA, l-użu tal-lycopene bħala ingredjent tal-ikel għandu jkun rivedut sa mhux aktar tard mis-sena 2014.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil DSM Nutritional Products Ltd., Wurmis 576, CH – 4363 Kaiseraugst, l-Iżvizzera.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS I*

**Speċifikazzjonijiet ta' lycopene sintetiku**

DESKRIZZJONI

Il-lycopene sintetiku huwa prodott mill-kondensament Wittig ta' intermedji sintetiċi użati komunement fil-produzzjoni ta' karotenojdi oħra użati fl-ikel. Il-lycopene sintetiku jikkonsisti minn ≥ 96 % lycopene u kwantitajiet minuri ta' komponenti karotenojdi relatati oħra. Il-lycopene huwa ppreżentat jew bħala trab f'matriċi adatta jew dispersjoni fiż-żejt. Il-kulur huwa aħmar skur jew aħmar jagħti fil-vjola. Il-protezzjoni antiossidativa trid tkun żgurata.

SPEĊIFIKAZZJONI

Isem kimiku: Lycopene

Numru C.A.S.: 502-65-8 (it-trans lycopene kollha)

Formula kimika: $C_{40}H_{56}$

Formula strutturali:




Piż tal-formula: 536,85

---

*ANNESS II*

**Lista ta' ikel li jista' jiżdied miegħu s-synthetic lycopene**

| Kategorija tal-ikel | Kontenut massimu ta' lycopene |
|---|---|
| Xarbiet ibbażati fuq meraq tal-frott jew tal-ħaxix (inklużi l-konċentrati) | 2,5 mg/100 g |
| Xarbiet maħsuba biex jilħqu l-massimu ta' sforz muskolari intens speċjalment għall-isportivi | 2,5 mg/100 g |
| Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż | 8 mg/sostitut ta' ikla |
| Ċereali għall-kolazzjon | 5 mg/100 g |
| Xaħmijiet u Ħwawar | 10 mg/100 g |
| Sopop ħlief sopop tat-tadam | 1 mg/100 g |
| Ħobż (inkluż ħobż iqarmeċ) | 3 mg/100 g |
| Ikel Djetetiku għal Finijiet Mediċi Speċjali | Skont rekwiżiti ta' nutrizzjoni partikolari |
| Supplimenti tal-ikel | 15-il mg f'kull doża ta' kuljum kif rakkomandat mill-manifattur |

*ANNESS III*

**Monitoraġġ ta' wara t-tnedija tal-lycopene sintetiku**

TAGĦRIF LI GĦANDU JINĠABAR

Kwantitajiet ta' lycopene sintetiku pprovdut minn DSM Nutritional Products Ltd. lill-konsumaturi tagħhom għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel finali li jridu jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni Ewropea.

Riżultati ta' tfittxijiet f'bażijiet ta' dejta dwar tnedijiet ta' prodotti tal-ikel b'lycopene miżjud, inklużi livelli ta' fortifikazzjoni u daqsijiet tal-porzjonijiet għal kull ikel imniedi fi Stat Membru.

RAPPURTAR TAT-TAGĦRIF

It-tagħrif ta' hawn fuq għandu jkun irrappurtat lill-Kummissjoni Ewropea kull sena għas-snin mill-2009 sal-2012. L-ewwel darba fil-31 ta' Ottubru 2010 għall-perjodu ta' rappurtar mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010; u mbagħad bl-istess perjodu ta' rappurtar fis-sena għas-sentejn ta' wara.

TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Fejn xieraq u disponibbli għal DSM Nutritional Products Ltd. l-istess tagħrif ukoll dwar it-teħid ta' lycopene użat bħala kulur tal-ikel għandu jkun irrappurtat.

Fejn disponibbli, DSM Nutritional Products Ltd. għandu jipprovdi tagħrif xjentifiku ġdid għal rikonsiderazzjoni tal-livelli massimi sikuri ta' teħid ta' lycopene.

VALUTAZZJONI TAL-LIVELLI TA' TEĦID TA' LYCOPENE

Abbażi tat-tagħrif miġbur u rrappurtat hawn fuq, DSM Nutritional Products Ltd. għandu jwettaq valutazzjoni tal-konsum aġġornata.

REVIŻJONI

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-EFSA sal-2013 biex tirrevedi t-tagħrif provdut mill-industrija.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2002/253/KE li tistabbilixxi d-definizzjonijiet ta' każ għar-rappurtaġġ ta' mard li jinxtered fin-netwerk tal-Komunità permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3517)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/363/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' netwerk għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3(c) tagħha,

Billi:

(1) Skont il-punt 2.1 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/96/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-netwerk tal-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), "mard li jista' jiġi evitat b'tilqim", jinkludi "influwenza", huma koperti mis-sorveljanza epidemjoloġika fin-netwerk tal-Komunità skont id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE.

(2) Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/253/KE tad-19 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi d-definizzjonijiet tal-każ għar-rappurtaġġ ta' mard li jinxtered fin-netwerk tal-Komunità permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), id-definizzjonijiet tal-każ imniżżla fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni għandhom ikunu aġġornati sa fejn meħtieġ fuq il-bażi tal-aħħar dejta xjentifika.

(3) Diversi każijiet ta' vajrus ġdid tal-influwenza kienu rrappurtati fl-Amerika ta' Fuq u aktar riċenti f'diversi Stati Membri. Dan il-vajrus huwa wieħed mill-forom multipli li jista' jieħu l-marda "influwenza", elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/96/KE. Iżda, meta minħabba li dan il-vajrus il-ġdid qed ikun ta' riskju ta' influwenza pandemika u jitlob koordinazzjoni immedjata bejn il-Komunità u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, huwa meħtieġ li tkun ipprovduta definizzjoni speċifika tal-każ li tagħmel differenza minn dik tad-definizzjoni aktar ġenerali tal-każ tal-influwenza, li tgħin lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex jikkomunikaw informazzjoni rilevanti lin-netwerk tal-Komunità skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE.

(4) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard ([4]) (ECDC), l-ECDC ipprovda, wara talba mill-Kummissjoni, dokument tekniku dwar id-definizzjoni tal-każ għal din il-marda li tinxtered li jassisti lill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-iżviluppi ta' strateġiji ta' intervent fil-qasam tas-sorveljanza u r-reazzjoni. Id-definizzjonijiet tal-każ elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2002/253/KE għandhom ikunu aġġornati fuq il-bażi ta' din il-kontribuzzjoni.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2002/253/KE qed jiġi konkluż permezz tad-definizzjoni addizzjonali tal-każ li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni attwali.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 268, 3.10.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 28, 3.2.2000, p. 50.
([3]) ĠU L 86, 3.4.2002, p. 44.
([4]) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

*ANNESS*

Jiddaħħal il-kliem li ġej fl-Anness tad-Deċiżjoni 2002/253/KE.

"IL-VAJRUS IL-ĠDID A(H1N1) TAL-INFLUWENZA (DAK IMSEJJAĦ BĦALA IL-VAJRUS IL-ĠDID TAL-INFLUWENZA A(H1N1) U L-VAJRUS TAL-INFLUWENZA MESSIKAN) ([1])

**Il-kriterji kliniċi**

Kull persuna li għandha kriterju minn dawn it-tlieta li ġejjin:

— Deni ta' aktar minn 38 °C KIF UKOLL sinjali u sintomi ta' infezzjoni respiratorja akuta,

— Pulmonite (marda respiratorja serja),

— Mewt minn marda respiratorja akuta inspjegabbli.

**Il-kriterji tal-laboratorju**

Mill-inqas waħda mit-testijiet li ġejjin:

— RT-PCR,

— Kultura virali (li tirrikjedi faċilitajiet BSL 3),

— Żieda b'erba' darbiet fl-antikorpi speċifiċi li kapaċi jinnewtralizzaw il-vajrus il-ġdid tal-influwenza A(H1N1) (timplika l-ħtieġa ta' serums f'koppja, minn marda ta' fażi akuta u mbagħad fl-istadju ta' konvalexxenza minimu ta' għaxart ijiem sa 14-il jum wara).

**Il-kriterji epidemjoloġiċi**

Mill-inqas wieħed minn dawn il-kriterji fis-sebat ijiem qabel ma bdiet il-marda:

— Persuna li kienet f'kuntatt qrib ma' każ konfermat ta' infezzjoni tal-vajrus il-ġdid tal-influwenza A(H1N1) meta l-każ kien marid,

— Persuna li siefret lejn żona fejn hija dokumentata trażmissjoni sostnuta minn bniedem għall-ieħor tal-vajrus il-ġdid tal-influwenza A(H1N1),

— Persuna li taħdem, f'laboratorju fejn jiġu ttestjati kampjuni tal-vajrus il-ġdid tal-influwenza A(H1N1).

**Il-klassifika tal-każijiet**

A. *Każ li qed jiġi investigat*

Kull persuna li tilħaq il-kriterji kliniċi u epidemjoloġiċi.

B. *Każ probabbli*

Kull persuna li tilħaq il-kriterji kliniċi KIF UKOLL epidemjoloġiċi KIF UKOLL b'riżultati tal-laboratorju li juru infezzjoni pożittiva ta' influwenza A ta' tip li ma jistax jingħatalu sottotip.

C. *Każ konfermat*

Kull persuna li tilħaq il-kriterji tal-laboratorju għall-konferma.

([1]) L-isem se jinbidel b'konformità mad-definizzjoni mogħtija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa".

2009/363/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2002/253/KE li tistabbilixxi d-definizzjonijiet ta' każ għar-rappurtaġġ ta' mard li jinxtered fin-netwerk tal-Komunità permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3517)* [1] . . . . . . . . . . 58

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT